**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

L-Erbgha 7 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri –Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjatil-laqgħa.

## 70.1 Introduzzjoni

70.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.05 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

70.1.2 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 69 ta' 9 ta' Jannar 2017.

70.1.3 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 69 bid-data tad- 9 ta' Jannar 2018 ġew approvati unanimament.

## 70.2 Punti mqajma mill-minuti

70.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 69.3.63 fuq ir-request li talab resident biex isiru double yellow lines quddiem ir-residenza tiegħu peress li qed jipparkjaw quddiem il-bieb tiegħu eżatt u ma jkunx jista jidħol. Din taħbat fuq wara ta' Villa Francia fi sqaq nru.2 Triq Preziosi fejn għandhom il-garage.

70.2.2 Is-Segretarju kkonfermat li kienet waslet risposta mingħand min qed jieħu ħsieb Villa Francia li dawn il-lines jistgħu jsiru imma l-importanti li ma jintmesx il-pavimentar ta' Villa Francia.

70.2.3 Fuq l-istess area, is-Segretarju nfurmat li residenta oħra mill-istess naħa qed tagħmel request biex isiru double yellow lines peress li qed ikollha problema biex toħroġ mill-garaxx tagħha.

70.2.4 Peress li dan ir-request qiegħed l-istess naħa tar-resident l-ieħor ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mal-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia mmorru 'on site' jimmarkaw eżatti fejn iridu jiġu dawn il-linji hekk jista' jkun mingħajr ma nneħħu parking space.

70.2.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 69.3.17 fejn qedna li qed nistennew risposta mingħand il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jiġi ngaġġat ħaddiem mill-RSSL flok is-Sur Michael Bedingfield li ser jirtira f'Marzu li ġej.

70.2.6 Hija qalet li tkellmet ma' xi ħadd minn tal-Jobs plus fuq skema li għaddejja bħalissa.

70.2.7 Din il-persuna tal-Jobs Plus ikkonfermat li hemm skema li fiha hemm 850 ħaddiem imma dawn diġa huma allokkati, pero huwa ser jistaqsi biex jara hemmx xi ħadd li ikun *willing* li jiċċaqqlaq u jiġi jaħdem f'Ħal Lija.

## 70.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

70.3.1 Is-Sindku u l-Kunsill ressqu diversi lmenti fuq il-kuntratturi tal-knis u tal-ġonna.

70.3.2 Il-Kunsill iddeċieda li għandha issir laqgħa maż-żewġ kuntratturi biex nitkellmu magħhom dwar xi problemi li qed ikun hawn fir-raħal minħabba n-negliġenza fix-xogħol tagħhom.

70.3.3 Is-Sindku tkellmet fuq ilment li deher fuq facebook fejn fi triq partikolari ttieħdu tlett parking spaces.

70.3.4 Hija nfurmat lil Kunsill li kienet għada kemm tkellmet mal-Pulizija u kkonfermaw li dawk ilhom hekk fuq struzzjoni mill-OPM minn meta ġiet maqtulha s-Sinjura Daphne Caruana Galizia biex hemmhekk ikun clear.

70.3.5 Hija qalet li l-Kunsill ma ġiex magħraf u ma nistgħux mmorru kontra l-istruzzjonijiet tal-OPM.

70.3.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lis-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi jekk kienetx tkellmet ma' residenti ta' Triq il-Forn, kif kien miftiehem, minħabba lment ta' residenti oħra fuq il-parking ta' dak l-isqaq.

70.3.7 Is-Sindku qalet li ma kienetx kellmithom anke ghal fatt li kien hemm problemi oħra fl-isqaq.

70.3.8 Is-Segretarju kellmet resident mill-isqaq fuq dawn il-problemi fejn huwa kien qed jokkupa parking space bil-logs tal-fire place.

70.3.9 Dan ir-resident li għandu l-logs barra qal li l-Kunsill għandu jara li jitneħħew il-ħwat minn fuq il-bankini fuq l-istess argument, għax huwa ma jkunx jista' lanqas jgħaddi bit-tifla għal l-iskola.

70.3.10 Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni fuq is-salarju tas-Sinjorina Pamela Borg li għandha kemm ħadet il-post ta' Executive Officer fi Scale 13.

70.3.11 Irid jiġi decis liema notch ta' Scale 13, is-Sinjorina Pamela Borg għandha titħallas, hija li bdiet f'dan il-grad wara li saret call mill Kunsill.

70.3.12 Is-Segretarju nfurmat li skond il-Collective Agreement ta' l-iskrivani klerikali u l-Human Resources Regulations li jekk l-impjegat ma jiġix ingaġġat fil-massimu ta' l-skala, ikun intitolat għal increments f'skala ta' salarju kull sena.

70.3.13 Is-Segretarju kkonfermat li kienet irċiviet tweġieba mid-Dipartiment li s-salarju ta' l-iskrivani jibdew minn notch 3 u għandhom ħames notches sakemm jaslu għal l-għola notch.

70.3.14 Saret diskussjoni mill-Kunsilliera dwar dan.

70.3.15 Kellha tittieħed vot fuq dan peress li l-Kunsill ma kienex qed jaqbel liema notch is-Sinjorina Pamela Borg għandha tingħata.

70.3.16 Bi tlett voti favur u żewġ voti kontra, ġie deċiż li s-Sinjorina Pamela Borg tingħata in-nofs tan-notches iġifieri l-ħames notch.

70.3.17 Peress li salarju tas-Sinjorina Pamela Borg ta' Jannar 2018 tħallset notch 1, hija għandha tingħata d-differenza tal-paga sa notch 5.

70.3.18Wara li kienet ġiet aġġudikata t-Tender T03 -2017 - **Service for the Collection of Mixed Household Waste for the Ħal Lija Local Council in an environmentally friendly manner**, il-Kunsill ikkonferma li t-tender tiġi awarded lil Premier Business Ltd peress li kien technically compliant u kien l-irħas bidder.

70.3.19Għandu jitħejja l-Evaluation report imma qabel ma jiffirmaw l-ajudicators kollha ma jistgħux jintbagħtu l-ittri lill-bidders kollha bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

70.3.20Il-Kunsill iddeċieda li jekk il-kuntrattur il-ġdid ma jkunx qed jopera tajjeb għandha tittieħed azzjoni mmedjata.

70.3.21Ġie deċiż li meta jgħaddi iż-żmien fejn il-bidders l-oħra jkunu jistgħu jiftħu l-claim u qabel ma jibda jopera bil-kuntratt għandha tmur il-Minority Leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia biex turi it-toroq kollha minn fejn għandu jinġabar l-iskart.

70.3.22Ġie deċiż ukoll li meta jibda jopera l-kuntratt il-ġdid għandha tintbagħat ċirkulari lir-residenti kollha ta' Ħal Lija bil-ħinijiet kollha ta' ġbir ta' skart li jinkludi fih il-ġbir ta' recycling u bulky refuse ukoll.

70.3.23F'din iċ-ċirkulari għandha ukoll titniżżel li min ikollu xi rapport fejn jaraw li jekk xi ħadd ikun ħareġ l-iskart wara li jsir il-ġbir għandu jinforma lill-Kunsill.

70.3.24 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija tkellmet ma xi ħadd mill-USERV fejn ġiet infurmata li sfortunatament fondi għall-isqaqien mhumiex ser jingħataw iktar peress li llum biex isir proġett irid iħalli gwadan għat-turisti,

saħansitra trid anke tingħata l-costings ta'kemm turisti ser iżuru l-lokal wara li jsir il-proġett.

70.3.25 Wara li saret diskussjoni fuq dan, ġie deċiż li s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tistaqsi lil-Ministru L-Hon Ian Borg x'hemm fuq Ħal Lija u x'ser jiġi pproġettat li jsir bħala resurfacing ta' toroq.

70.3.26 Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li hija ċemplet lill-Pulizija peress li f'nr.68 Triq Sant'Andrija waslilha rapport li sfrondaw il-bieb u qegħdin jidħlu n-nies.

70.3.27 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi staqsiet lill-Kunsill li għandha tittieħed deċiżjoni fuq fejn ser jintnefqu il-UIF funds li s-somma telgħet għal €47,223.23.

70.3.28 Is-Sindku qalet li bħalissa r-rubber tiles tal-ground tat-tfal bix-xita ġie f'postu imma xorta trid tittieħed deċiżjoni fuq jekk isirx mill-ġdid jew le, jew inkella jistax isir resurfacing ta' sqaq wieħed biss.

70.3.29 Is-Sur Massimo Scerri ssuġġerixxa li forsi għandha titkompla resurfacing ta' Triq Annibale Preca.

70.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-fondi għandhom jintnefqu fil-ġnien Ċentru Rikreattiv billi tinħareġ tender biex isiru il-multi surface pitch tal-ground iż-żgħir kif ukoll tal-bandli.

70.3.31 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat lill-Kunsill li qegħdin nikkuntattjaw lill-mara tal-Kuntrattur tal-ġonna biex forsi ix-xogħolijiet fuq il-ġonna isiru aħjar u iktar malajr.

70.3.32 Reġgħet issemmiet ukoll il-problema ta' l-isqaq numru 1 Triq Preziosi u li s-soluzzjoni għadha ma nstabitx.

70.3.33 Pero il-Kunsill iddeċieda li biex tittieħed deċiżjoni rridu jiltaqgħu t-tlett residenti flimkien.

70.3.34 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi reġgħet semmiet il-problema tal-ħamiem fir-raħal.

70.3.35 Is-Sindku, qalet li hemm xi ħadd li għandu soluzzjoni u jeħles minn dawn il-ħamiem.

70.3.36 Il-Minority leader, s-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li hemm kumpanija fil-Mosta Tecnopark jisimha FORT.

70.3.37 Din tista tkun soluzzjoni għall-ħamien fir-raħal. Għandu jsir kuntatt ma' din il-kumpanija.

70.3.38 Is-Segretarju nfurmat li peress li l-financial accounts għas-sena li għalqet il-31 ta'Diċembru 2017, ma kienux lesti dakinhar tal-laqgħa, il-Kunsill ser ikollu jerġa jiltaqa' biex jiġu approvati qabel li jiġu *hand carried* għand l-Awditur Ġenerali u l-Awdituri tal-Kunsill.

70.3.39 Il-ħin huwa 6.00p.m. u s-Sur Massimo Scerri talab biex ikun skużat mill-laqgħa għax kienet inqalgħatlu xi ħaġa urġenti.

70.3.40 Resident minn ta' Senna qed jagħmel request biex issir sleeping policeman fi Triq Nazju Cortis minħabba overspeeding.

70.3.41 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u peress li hemmhekk it-triq tagħlaq, ġie deċiż li għandna nistaqsu lir-resident ir-raġuni ala jrid din lis-sleeping policeman peress li hemm anke jiġi fuq wara Villa Francia u t-triq hija cul-de-sac.

70.3.42 Il-Kunsill Lokali kien għamel bollards fi Triq Agostino Portelli wara talba li kellu minn xi residenti fl-area Ta' Senna kif ukoll wara l-approvazzjoni ta' TM. Sfortunatament dawn il-bollards ġew mkissrin kważi kollha u għalhekk qegħdin nissuġerixxu li minflokk il-bollards issir central strip b'kurduna tal-ġebel. Dan jista jsir meta jiġu l-ħaddiem ta' RSS.

70.3.43 Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet.

70.3.44Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li d-diagonal parking lines kienu ġew approvati minn Transport Malta dakinhar stess.

70.3.45 Resident li joqgħod Triq Preziosi fid-dar 'Madonna ta' Pinu' qed jagħmel ilment għax qatt ma jkun jista jidħol ġod-dar komdu kif suppost. Quddiem id-dar tiegħu m'hemmx bankina u hemm parking space. Li qed jiġri huwa li l-karozzi qed jipparkjaw wisq viċin ta' dar u b'hekk jagħlqu aċċess għad-dar tiegħu. Huwa qal dak il-parkeġġ jrid jitlaq.

70.3.46 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-request u ġie deċiż li għandhom jsiru double yellow lines mal-grada tiegħu biss.

70.3.47 Is-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia u anke mas-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandhom imorru on site biex jikkonfermaw dan.

70.3.48 Residenta li toqgħod fejn il-kappella tal-Mirakli qed tagħmel request biex isiru traffic lights intermittent fi Triq Annibale Preca fejn sqaq it-Tut u il-biotechnology centre.

Dan għaliex b'hekk huwa l-unika mod li l-karozzi jċedu, speċjalment jekk tinzerta xi trakk kbir għax ma tgħaddix.

70.3.49 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet lill-Kunsill li għandna nerġgħu mmoru għand it-TM biex nerġgħu nitkellmu fuq il-'one ways'.

70.3.50 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tissuġġerixxi li jgħin lit-traffiku jekk l-area taċ-ċnus isir kollu diagonal parking.

70.3.51 Kompliet id-diskussjoni mill-Kunsilliera fuq traffic management imma ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni.

70.3.52 Is-Segretarju nfurmat li ma nistgħux inbiegħu l-parts tal-vann. Li għandu isir huwa li jinbiegħ kollhu. Il-problema hija li peress li l-liċenzja ser tiskadi fl-aħħar ta' dan ix-xahar diffiċli biex insibu lil xi ħadd biex jixtrih. Tkellimna ma'diversi scrap yards saħansitra wieħed minnhom anke ġie bit-tow trakk biex jieħu l-vann, imma dan ma kien ser jagħtina xejn. Kien hemm xi ħaddieħor li tana €40 u ieħor li tana €100. Il-Kunsill irid jiddeċiedi il-way forward.

70.3.53 Il-Kunsill approva li l-van għandu jiġi 'scrapped' mingħand dik il-kumpanija li ser tagħtina €100.

70.3.54 Is-Segretarju tkellmet fuq l-irtirar tas-Sur Michael Bedingfield li dan ser ikun is-16 ta' Marzu 2018.

70.3.55 Il-Kunsill kollu qabel li għandha ssir ikla u anke jinxtara xi ħaġa żgħira ta' tifkira.

70.3.56 Biex inkunu skond ir-regola għandna nibagħtu nistaqsu lid-Dipartiment jekk nistawx nużaw il-fondi skond Ċirkulari numru 46/2016 fir-rigward ta' din l-ikla peress li ma saretx l-ikla tal-Milied bejn il-Kunsill u l-istaff.

70.3.57 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tieħu ħsieb ir-rigal tas-Sur Michael Bedingfield.

70.3.58 Ġie deċiż li din l-attivita' issir tentative date it-2 ta' Marzu 2018 fis-7.30p.m.u ġie issuġerit restaurant il-Qawra ukoll.

70.3.59 Resident mill-Biotechnology Centre jixtieq ifakkar il-Kunsill Lokali li *way back* meta kienet saret it-triq bit-tarmac kien hemm mera faċċata tal-Biotechnology Centre li kienet nkisret u l-Kunsill kien bidel din il-mera f'mera żgħira u l-Kunsill kien wiegħed li tinbidel u terġa isir kbira kif kienet. Għalhekk huma qegħdin jitolbu biex isir dan. F'dak iż-żmien kienet tħalset minnhom u għalhekk huma jridu li l-Kunsill jerġa jagħmilha.

70.3.60 Il-Kunsill approva li għandha ssir din il-mera kif kienet.

70.3.61 Meta s-Segretarju u s-Sindku marru on site fi Triq Preziosi, ir-residenti talbu li ħdejn Philmar Store jiġi timed parking għar-residenti bejn is 7.00p.m. u 6.00a.m. li jinkludu il-Ħdud u btali pubbliċi. Ir-residenta ta' nr 9 Triq Preziosi riedet tneħħi l-yellow line żgħir li kien tpoġġa quddiem il-bieb tagħha biex ma jipparkjawx peress li qed jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet. Il-Kunsill irid japprova li jsir walking line sal-bankina b'parking bay quddiemu.

70.3.62 Il-Kunsill approva dawn it-talbiet tar-residenti għalhekk għandha ssir ir-request lit-TM.

70.3.63 Tressqet lista tal-MEPA biex il-Kunsill jiddeciedi jekk isibx oġġezzjoni.

70.3.64 Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni fuq l-ebda applikazzjoni.

70.3.65 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq id-dgħajsa li hemm f'area f'Depiro Gourgion li qiegħda f'area ta' construction.

70.3.66 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi għandha tiċċekkja dwar din id-dgħajsa.

70.3.67 Il-Kunsill ra li fi Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru.1 ma ħadmitx id-deċiżjoni li l-Kunsill kien ħa biex titwaħħal sign li min jipparkja fil-kantuniera iħalli l-mobile number jidher peress li l-gwardjani xorta waħda qed jagħtu ċ-ċitazzjonijiet.

70.3.68 Allura l-Kunsill ma kellux triq oħra ħlief li jneħħi din is-sign u jsiru il-yellow lines fil-kantuniera kif suppost.

70.3.69 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq fejn wasal ir-rapport tal-van li għandhu l-liċenzja skaduta u li kien qed jintuża bħala store.

70.3.70 Is-Segretarju nfurmat li dan kien ġie rraportat lill-Pulizija.

70.3.71 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li meta sar r-request biex faċċata tal-garaxx nru 3 fil-Housing Estate isiru double yellow lines, il-Kunsill kien immarka biex isir dan il-line ftit iktar il-fuq, ir-resident m'approvax li jsir hekk għax qal li jispiċċa l-iskop għaliex irid dan il-line.

## 70.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

70.4.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2018. Skeda tal-Petty Cash ma kienx hemm.

70.4.2 Din l-iskeda tressqet qabel is-Sur Massimo Scerri telaq mill-kamra tal-Kunsill.

70.4.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia m'approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

70.4.4 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Stephanie Cutajar, il-pagamenti għax-xahar ta' Frar ġew approvati unanimament.

**70.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-06.40p.m.u ġiet aġġornata għal laqgħa li ser issir b'urġenza biex jiġu approvati l-Financial Accounts nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2018,fil-5.15pm.

70.5.2 Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu 2018 fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Georgette Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |